MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-8 ta' April, 2013

Numru. 1307/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**
**Reuben (Joseph) Formosa**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Reuben (Joseph) Formosa detentur tal-karta tal-identita` numru 176375(M).

Akkuzat talli:

Talli f'Ottubru 2011, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fi iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu

ta’ l-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini tal-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija barra milli tapplika skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 qed issib lill-imputat Rueben (Joseph) Formosa hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------